MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 52/2004

**Stanley INCORVAJA**

**vs**

**Ġemma DARMANIN u żewġha Harry Darmanin għal kull interess li jista' jkollu**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Jannar, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li jiġi dikjarat li l-imħarrkin wettqu għamil ta' spoll billi ngumbraw passaġġ li huwa kien juża biex jidħol ġo ġid tiegħu u biex l-imħarrkin jiġu kundannati jroddu l-pussess sħiħ tal-imsemmi passaġġ billi jagħmlu x-xogħlijiet rimedjali meħtieġa fiż-żmien li tagħtihom il-Qorti, jew, fin-nuqqas, li l-Qorti tawtorizża lilu biex jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa bi spejjeż tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Frar, 2004, li bih tat lill-attur direttivi dwar il-ġbir tal-provi;

Rat ix-xhieda mressqa mill-attur bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Mejju, 2004, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tathom direttivi dwar il-ġbir tal-provi tagħhom;

Rat in-Nota mressqa fit-3 ta’ Settembru, 2004, li biha l-imħarrkin eċċepew li l-attur irid juri li beda l-azzjoni fiż-żmien siewi ta’ xahrejn, li huwa kellu l-pussess tal-passaġġ minnu reklamat u li l-art kienet miżmuma in komun, u li l-att ta’ spoll minnu allegat sar minnhom bil-forza jew bil-moħbi, liema ħaġa huma jiċħduha;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Novembru, 2004, li bih qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ ta’ qabel is-seduta (*pretrial*) għall-10 ta’ Jannar, 2005;

Rat ix-xhieda u l-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Maria Dolores Gauċi fl-imsemmi stadju tal-kawża, liema stadju ngħalaq b’verbal magħmul waqt is-seduta tad-9 ta’ Settembru, 2005[1];

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta’ Settembru, 2005, li bih appuntat il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq għas-smigħ tat-2 ta’ Novembru, 2005;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta’ Ottubru, 2005, fuq talba b’rikors imressaq fil-5 ta’ Ottubru, 2005[2], mill-avukati taż-żewġ partijiet, li bih awtoriżżathom iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta’ Noti sa qabel il-jum tas-smigħ;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-31 ta’ Ottubru, 2005[3];

---

[1] Paġ. 190 tal-proċess
[2] Paġ. 204 tal-proċess
[3] Paġġ. 208 sa 216 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-1 ta' Novembru, 2005[4];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll. L-attur jgħid li l-imħarrkin ċaħħduh mill-jedd ta' mogħdija li huwa kellu minn passaġġ f'ġardina li tagħti għal biċċa art li hija tiegħu. Huwa jgħid li dan seħħ għaliex l-imħarrkin tellgħu binja sewwasew mnejn kien jgħaddi l-passaġġ;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li huma ma jaħtux għal dak li jixlihom bih l-attur;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-imħarrka tiġi z-zija paterna ta' omm l-attur. L-imħarrka, flimkien man-nannu tal-attur (Ġużeppi Buġeja), ma' ħuhom ieħor (Ġorġ Buġeja), u aħwa jew neputijiet oħrajn, kienu qasmu xi ġid tal-ġenituri tagħhom missierhom f'kuntratt ta' qasma li sar f'Novembru tal-1996[5]. Fost il-ġid maqsum imħolli bi prelegat lit-tliet aħwa Buġeja, kien hemm id-dar b'remissa (*store*) magħha f'numri 115 u 116 (illum il-ġurnata jġibu n-numri 21 u 22), Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, b'ġardina warajha. L-imsemmija ġardina tasal sa triq pubblika oħra (Triq tas-Silġ, illum Triq Santa Katarina) min-naħa ta' wara. Fil-ġardina kien hemm maħżen. Fil-kuntratt, kien miftiehem li l-intrata tal-post tibqa' komuni bejn l-aħwa, biex minnha jkunu jistgħu jidħlu għall-ġardina minn Triq is-Sajjieda[6]. Il-ġardina nqasmet bejn it-tliet aħwa, billi kull wieħed messu parti. L-imħarrka messha l-biċċa tan-nofs, filwaqt li ħuh Ġorġ messu l-biċċa li tmiss mal-bieb li jwassal mill-intrata li tagħmel mid-dar, filwaqt li ħuhom l-ieħor Ġużeppi (missier omm l-attur) messu l-biċċa tat-tarf

[4] Paġġ. 217 sa 221 tal-proċess
[5] Dok "GD1", f'paġġ. 24 sa 41 tal-proċess
[6] Paġ. 38 tal-proċess

l-ieħor, fejn kien hemm il-maħżen. Il-maħżen baqa' għall-użu ta' kulħadd, sa ma ġġarraf b'li kien għad fadal fih;

Illi b'kuntratt li sar f'Ottubru, 2002[7], Ġużeppi Buġeja u oħtu l-imħarrka Ġemma Darmanin xtraw sehem ħuhom Ġorġ Buġeja mill-passaġġ (jiġifieri dak bejn id-dar u l-*istore*)[8] , u partulu strixxa dejqa minn kull porzjon tal-ġardina li kien messhom fil-kuntratt tal-qasma ma' strixxa mill-biċċa li kienet messet lilu mill-istess ġardina, biex minnha jkunu jistgħu jgħaddu għall-porzjonijiet tagħhom bla ma jidħlu fuq is-sehem li mess lilu;

Illi b'kuntratt ta' donazzjoni li sar f'Mejju tal-2003[9], Ġużeppi Buġeja ta lil neputih l-attur is-sehem tiegħu tal-ġardina. F'Novembru tal-2003, ittellgħet struttura bil-ġebel fil-parti tal-ġardina li messet lill-imħarrka. F'Jannar tal-2004, infetħet il-kawża. Xahrejn wara, b'kuntratt ieħor (korrettorju) li sar f'Marzu tal-2004[10], Ġużeppi Buġeja għadda l-jedd ta' nofs il-passaġġ tal-intrata lill-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-konsiderazzjonijiet dwar aspetti legali tal-każ,</u> jingħad li l-azzjoni mibdija mill-atturi hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi hija fin-natura tal-azzjoni tal-ispoll li l-Qorti tqis biss il-kwestjonijiet intimament marbutin magħha, mingħajr ma tindaħal f'dawk marbutin mat-titolu vantat mill-partijiet u li jagħmel sehem mill-istħarriġ ta' aspetti petitorji. Din il-preċiżazzjoni trid issir tabilfors minħabba li jidher li l-partijiet bnew il-biċċa l-kbira tal-każ tagħhom fuq il-prova tat-titolu dwar il-jedd ta' mogħdija li, f'każ bħal dan, ma tistax tkun ta' siwi għas-soluzzjoni tal-kwestjoni li tintrabat biss mal-pussess;

---

[7] Dok "GD2", f'paġġ. 43-6 tal-proċess
[8] Ara paġ. 45 tal-proċess
[9] Dok "SI", f'paġġ. 84-6 tal-proċess
[10] Dok "TS1", f'paġġ. 59 sa 63 tal-proċess

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[11] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar l-ewwel element, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[12]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[13], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[14] u dak tal-ispoll[15]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[16]. Huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt;

Illi l-liġi għandha dispożizzjoni speċifika għall-każ ta' kif jitqies il-pussess f'każ ta' servitu'[17] wkoll. Iżda l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[18];

Illi f'dan il-każ l-imħarrkin jibnu d-difiża tagħhom billi jgħidu li, fis-sewwa, ma kien hemm l-ebda passaġġ bħalma jippretendi l-attur. Fi kliem ieħor, huma qegħdin iġibu 'l quddiem l-argument li ma kienx hemm pussess għax ma kienx hemm il-ġid li fuqu seta' kien eżerċitat tali pussess.

---

[11] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[12] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[13] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[14] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[15] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[16] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[17] Art. 537 tal-Kap 16
[18] App. Ċiv **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**

Min-naħa tal-familja tal-imħarrka[19], il-verżjoni hi li sewwasew minn fejn l-attur jgħid li għandu dritt jgħaddi, għal żmien twil, kien hemm miġmugħa kwantita' ta' imbarazz[20] ("storbju u griefex"), siġra tal-palm imħawla[21], fossa li sservi ta' maqgħad għall-ilma[22] u saħansitra xkaffar. Jgħidu li sa miż-żmien li l-maħżen kien għadu jintuża, d-dħul għalih (speċjalment meta kienu jidħlu bil-karozza) kien minn Triq Santa Katarina, u ma kien hemm l-ebda passaġġ jew mogħdija mħolli fil-ġardina[23]. Jgħidu wkoll, li l-aċċess għall-ġardina kien minn fejn kulħadd ifettillu[24], wkoll min-nofs il-ġardina. Fuq kollox, iressqu l-argument li, meta l-attur innifsu bena l-porzjon tal-ġardina li tah nannuh, lanqas biss ħalla bieb jew fetħa fin-naħa mnejn suppost (skond l-attur)wieħed jgħaddi mill-mogħdija biex jidħol fil-ġardina;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur ressaq xhud li jgħidu li l-passaġġ kien ilu hemm sa minn qabel iż-żmien li saret il-qasma bejn l-aħwa, u li qabel dak iż-żmien kienu jidħlu minn dik il-mogħdija għal ġol-maħżen biex joħorġu n-nases għas-sajd. Huwa jfisser ukoll li l-biċċa li fuqha ttellgħet il-binja li saret minn żewġ l-imħarrka kienet miksija biċ-ċangatura maħsuba biex wieħed ikun jista' jimxi fuqha minflok joqgħod jgħaffeġ fuq il-ħamrija;

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li l-qofol veru tal-kwestjoni joħroġ mill-effett tal-patt li kien sar bejn it-tliet aħwa dwar iż-żamma in komun tal-intrata tad-dar fejn tgħix l-imħarrka. Minflok serviet biex kull wieħed mill-aħwa jkun jaf fejn hu tiegħu, il-qasma żammet minsuġa bejniethom (minħabba ċirkostanza li, fiż-żmien li saret, setgħet tassew kienet meħtieġa) għajn ta' skomdu u ndħil li nisslet kwestjonijiet (l-ewwel bejn Ġorġ Buġeja u ħutu, u mbagħad bejn l-imħarrka u l-attur). Il-Qorti tifhem sewwa l-element ta' esasperazzjoni tal-imħarrka (murija fil-kliem "kif trid tgħaddi minn ġo tiegħi biex tmur għal ġo tagħha! U tgħaddi minn ġod-dar tagħna ! Mela d-dar tagħna triq?"[25]).

---

[19] Xhieda ta' żewġha 9.5.2005, f'paġ. 173 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Nażżareno Buġeja 28.2.2005, f'paġ. 137 tal-proċess
[21] *Ibid.* (fil-kontro-eżami) 9.9.2005, f'paġ. 196 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Nażżarena Cutajar 28.2.2005, f'paġ. 133 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Lily Caruana 18.2.2005, f'paġ. 119 tal-proċess
[24] Xhieda tal-imħarrka 15.3.2005, f'paġ. 150 tal-proċess
[25] Paġ. 152 tal-proċess

Daqstant ieħor tifhem li jista' jkun minnu li meta l-attur ġie biex iħammel l-art li għaddielu nannuh, lanqas biss għarraf lill-imħarrka li kien sejjer jibda x-xogħol, u li jista' jkun ukoll li fit-tħammil baqa' dieħel ġos-sehem tal-ġardina li mess lill-imħarrka. Taċċetta wkoll lil-attur innifsu jistqarr[26] li ma ħalliex biexli jagħti għal fuq il-pretiża mogħdija meta tella' l-binja l-ġdida tiegħu. F'dan il-waqt, il-Qorti ma tistax għajr tappella lill-partijiet li jżommu quddiem għajnejhom li huma demm wieħed u l-grad ta' qrubija tagħhom, flimkien mal-fatt li se' jkunu jgħixu qrib xulxin, imissu jgħinhom biex isibu tarf dejjiemi tat-taħbila li jinsabu fiha;

Illi, madankollu, lil hinn minn dan ir-rikjam, il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-pożizzjoni meħuda mill-imħarrkin, u ssib ukoll li l-mogħdija kienet teżisti u li l-attur kellu, fis-sens partikolari tal-azzjoni minnu proposta, l-pussess tutelabbli li l-azzjoni ta' spoll innifisha trid tħares. Din il-fehma toħroġ kemm mill-provi fattwali mressqa u wkoll mill-qagħda legali li, tajjeb jew ħażin, issawret mal-qasma miftehma mill-imħarrka nnifisha u baqgħet tittenna wkoll meta saru atti pubbliċi oħrajn wara li kienet saret il-qasma;

Illi lanqas ma jiswa jingħad li l-attur xorta waħda għadu jista' jidħol b'mod ieħor għall-parti tiegħu tal-għalqa, għaliex huwa magħruf li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[27];

Illi jirriżulta wkoll li l-pussess tal-attur imur lil hinn minn wieħed ta' żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[28]. Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[29]. Għall-kuntrarju, f'dan il-każ jista' jingħad li, jekk l-attur laħaq kiseb maż-żmien servitu' personali mnissel minn dritt ta' obbligazzjoni, huwa għandu jedd li jitlob il-ħarsien tal-liġi

---

[26] Xhieda tiegħu (in kontro-eżami) 4.2.2005, f'paġ. 91 tal-proċess

[27] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)

[28] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)

[29] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija

permezz tal-azzjoni possessorja tal-ispoll kontra l-awtur tal-għamil li fixklu fil-pussess tiegħu[30]. Fuq kollox, mill-provi li tressqu, jirriżulta li l-eżerċizzju mill-attur u saħansitra mill-awtur tiegħu (nannuh) qablu dwar il-mogħdija biex jidħol fl-għalqa, kien iseħħ sa minn żmien qabel mal-imħarrk kisbet is-sehem tar-raba' tagħha;

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[31]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[32]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[33], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[34];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-imħarrkin meta jeċepixxu li kien jonqos fl-atturi l-element tal-pussess li jsejjes l-azzjoni tagħhom;

Illi, <u>dwar it-tieni element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[35]. Huwa wkoll maħsub li

---

[30] Ara, per eżempju, P.A. **15.3.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Montebello vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.562**) li kienet tittratta dwar spoll minn mogħdija
[31] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[32] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[33] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[34] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***
[35] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)

l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[36];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebah bih[37];

Illi f'dan il-każ, intwera ċar li l-binja (li fil-fatt hija struttura baxxa m'ogħla tliet filati tal-*bricks* mgħottija bil-pjanċi) ma saritx bl-għarfien tal-attur u lanqas intalab il-kunsens tiegħu. Jirriżulta wkoll, bi stqarrija tal-imħarrek innifsu, li x-xogħol għamlu hu stess;

Illi jirriżulta wkoll li mill-mod kif ittellgħat il-binja, l-attur ikollu tabilfors idur magħha biex imur lejn il-parti tal-għalqa li hija tiegħu. F'dan ir-rigward, il-pussess tiegħu ġie mittiefes;

Illi fid-dawl ta'dawn il-kunsiderazzjonijiet, jirriżulta lill-Qorti li t-tieni element tal-azzjoni pussessorja huwa pruvat;

Illi dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[38];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien

---

[36] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***
[37] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[38] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)

hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta’ spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippresisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[39]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta’ xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[40];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element m’hemmx dubju li huwa mwettaq, għaliex il-kawża nfetħet inqas minn xahrejn wara li sar l-għamil attakkat. L-imħarrkin lanqas qanqlu xi kontestazzjoni dwar dan;

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b’mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta’ xahrejn, l-azzjoni taqa’ minħabba n-nuqqas ta’ wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed;

Illi jirriżulta li, fil-każ preżenti, t-tliet elementi ewlenin tal-azzjoni attriċi ġew ippruvati kif imiss, u li l-eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin ma jsibux l-appoġġ tal-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin;

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li t-titligħ tal-binja min-naħa tal-imħarrek fil-passaġġ ġol-ġnien retropost għall-fond 115/116, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, ċaħħad lill-attur mill-pussess ta’ mogħdija għall-porzjon tiegħu tar-

[39] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[40] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)

raba’ tiegħu, u b’hekk seħħ għamil ta’ spoll bi ħsara tal-attur;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin biex sa żmien ħmistax-il (15) jum millum, jerġgħu jqiegħdu lill-attur fil-pussess sħiħ u bla mittiefes tal-imsemmija mogħdija kif kienet qabel Novembru tal-2003;

**Tilqa’ t-tielet talba attriċi** u tawtorizza minn issa lill-attur biex jagħmel hu, bi spejjeż tal-imħarrkin, dak kollu meħtieġ biex jerġa’ jieħu lura l-pussess tal-mogħdija, jekk kemm-il darba l-imħarrkin jonqsu li jagħtu lura l-pussess sħiħ fiż-żmien mogħti; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** biex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, kif mitlub mill-attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------